MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 1287/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Judy Anne Catania ta' 36 sena mwielda fl-1 ta' Awissu 1975 gewwa Canada bint Raymond u Tania Mary nee` Formosa residenti gewwa 40 Bond Flat 3, Triq id-Dolmen, Marsaskala detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 88378(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata li permezz taghha hija giet akkuzata talli fil-31 ta' Ottubru 2010 bien id-9.00 u id-9.15 ta' fil-ghaxija ikkommettiet serq ta' wallet li kien jikkontjeni 265 Euros u credit cards minn gewwa il-hanut bl-isem ta' 4e China li jinsab fi Triq Sant' Anna, Marsaskala ghad-detriment ta' Simon Muscat liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-persuna u bl-ammont, liema

ammont jeccedi is-somma ta’ 232.93 Euros (LM100) izda ma jeccedix 2329.4 Euros (LM1000).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunssens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghha liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputats l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata ddispjaciha ghal dak li ghamlet, ikkoperat mal-pulizija u rritornat l-oggetti misruqa.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(f)(d)(c), 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl  tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-hatja bil-kondizzjoni li ma tikkommettix rat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatj bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------